

Brussell, 28 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9820/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0127 (NLE)**

**POLCOM 196
COASI 92**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 250 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 250 final.

Mehmuż: COM(2026) 250 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026
COM(2026) 250 final

2026/0127 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), fir-rigward tal-adozzjoni prevista ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar ir-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim (proċedura ġenerali għas-soluzzjoni tat-tilwim) u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim (proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim, li ġie applikat b'mod proviżorju minn Lulju 2011 u daħal fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2015, għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi bejn il-Partijiet għall-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Partijiet"); il-promozzjoni tal-kompetizzjoni ekonomika; is-swieq tal-akkwist pubbliku miftuħa b'mod reċiproku; il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; it-tisħiħ tal-kummerċ globali permezz tat-tneħħija tal-ostakli u t-tneħħig tal-investment; impenn lejn l-iżvilupp sostenibbli fil-prattiki kummerċjali internazzjonali; u l-promozzjoni tal-investment dirett barrani mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards ambjentali, tax-xogħol, jew tas-saħħa u s-sikurezza. F'każ ta' tilwim bejn il-Partijiet, il-Ftehim jipprevedi proċedimenti speċifiċi għas-soluzzjoni tat-tilwim biex tiġi solvuta l-kwistjoni.

2.2. Il-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa stabbilit skont l-Artikolu 15.1 tal-Ftehim u għandu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont il-qafas tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ u tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa previst li jadotta żewġ Deċiżjonijiet ("l-atti previsti") jew fil-laqgħa tiegħu li jmiss inkella permezz ta' proċedura bil-miktub, skont liema tiġi l-ewwel.

L-għan tal-atti previsti huwa li jaġġornaw il-listi ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri jew membri tal-bord f'konformità mal-Artikoli 14.18 u 13.15 tal-Ftehim.

L-atti previsti se jsiru vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikoli 14.18 u 13.15 tal-Ftehim, li jipprevedu l-istabbiliment taż-żewġ listi.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa stabbilit skont l-Artikolu 15.1 tal-Ftehim u għandu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont il-qafas tal-Ftehim.

Skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu biex iservu ta' arbitri. Fit-23 ta' Diċembru 2011, il-Kumitat għall-Kummerċ bejn

l-UE u l-Korea adotta d-Deċiżjoni Nru 2¹ li tistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li jistgħu jservu ta' arbitri fil-proċeduri tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim. Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nazzjonali Koreani, nazzjonali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u nonnazzjonali li jservu ta' presidenti fuq il-lista tal-arbitri. Sabiex din l-emenda tidħol fis-seħħ, il-lista riveduta ta' individwi għandha tiġi approvata mill-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea.

Skont l-Artikolu 13.15(3) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu lista ta' mill-inqas 15-il persuna li jkunu lesti u li kapaċi jservu bħala membri tal-bord fir-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jqumu taħt il-Kapitolu 13 tal-Ftehim (il-Kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli) u li għandhom għarfien espert fil-kwistjonijiet koperti minn dak il-Kapitolu. Il-lista ġiet stabbilita għall-ewwel darba fis-27 ta' Ġunju 2012 permezz tad-Deċiżjoni Nru 2/2012² tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li tistabbilixxi lista ta' 18-il espert li jistgħu jservu bħala membri tal-bord. Il-lista ġiet riveduta l-aħħar fl-2019 permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2019³ tal-istess Kumitat. Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nonnazzjonali li jservu bħala presidenti fil-lista ta' esperti.

F'każ ta' tilwima, il-partijiet jikkonsultaw bil-ħsieb li jaqblu dwar l-arbitri biex ikunu parti minn bord ta' arbitraġġ. Għalhekk, l-iżgurar li ż-żewġ listi jkunu dejjem aġġornati huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim ikunu effettivament disponibbli.

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi proposta għal strument legali li japprova l-pożizzjoni li se tiegħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ dwar iż-żewġ kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE*”⁴.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea tat-23 ta' Diċembru 2011 dwar l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 14.18 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

² Id-Deċiżjoni Nru 2/2012 tal-Kumitat UE-Korea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' Bord ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 13.15 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tat-30 ta' Settembru 2019 dwar lista riveduta ta' esperti li lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp stabbilit b'dan il-Ftehim.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti ġuridiċi.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta għandha tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat għall-Kummerċ se jemenda l-listi eżistenti ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u l-lista ta' esperti li lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim, huwa xieraq li dawn jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") għie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2010⁵ u għie applikat b' mod proviżorju minn Lulju 2011 u daħal fis-seħħ f'Diċembru 2015.
- (2) Skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'tilwim possibbli bejn il-Partijiet. Fit-23 ta' Diċembru 2011, il-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea adotta d-Deċiżjoni Nru 2⁶ li tistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li jistgħu jservu ta' arbitri fil-proċeduri tal-Bord skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim.
- (3) Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nazzjonali Koreani, nazzjonali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u nonnazzjonali li jservu ta' presidenti fuq il-lista tal-arbitri. Sabiex din l-emenda tidħol fis-seħħ, il-lista riveduta ta' individwi għandha tiġi approvata mill-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea.
- (4) Skont l-Artikolu 13.15(3) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu lista ta' mill-inqas 15-il persuna li jkun lesti u li kapaċi jservu bħala membri tal-bord fir-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jqumu taħt il-Kapitolu 13 tal-Ftehim (il-Kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli) u li għandhom għarfien espert fil-kwistjonijiet koperti minn dak il-Kapitolu. Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli adotta d-Deċiżjoni Nru 2/2012⁷ li tistabbilixxi lista

⁵ ĠU L 127, 14.5.2011, p. 6.

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea tat-23 ta' Diċembru 2011 dwar l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 14.18 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 2/2012 tal-Kumitat UE-Korea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' Bord ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 13.15 tal-Ftehim ta' Kummerċ

ta' 18-il esperti li jistgħu jservu bħala membri tal-bord. Din il-lista ġiet riveduta l-aħħar fl-2019 permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2019⁸ tal-istess Kumitat.

- (5) Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nonnazzjonali li jservu bħala presidenti fil-lista ta' esperti. Sabiex din l-emenda tidħol fis-seħħ, il-lista riveduta ta' individwi għandha tiġi approvata mill-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea.
- (6) Il-Kumitat għall-Kummerċ se jadotta il-listi aġġornati ta' arbitri u esperti jew fil-laqgħa tiegħu li jmiss jew permezz ta' proċedura bil-miktub, skont liema tiġi l-ewwel.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, billi d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista riveduta ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuża fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuża fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

Artikolu 4

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

⁸ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tat-30 ta' Settembru 2019 dwar lista riveduta ta' esperti li lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*